MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1731/2001/1

**Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited**

**vs**

**Philip Degiorgio**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm13,350.00 (tlettax il-elf, tlett mija u hamsin liri maltin) rappresentanti ammont dovut bhala bilanc ta' prezz ta' materjal ta' sigurta mibjugha u nstallati fuq ordni tal-

konvenut skond il-prospett (Debtor Statement) datat 24 ta' Ottubru 2001 hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

Illi l-konvenut gie interpellat ihallas dan id-debitu diversi drabi izda xorta baqa nadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u ghalhekk applikabbli l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:-

Tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, u tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' Lm13350.00 (tlettax il-elf, tlett mija u hamsin liri maltin), bhala bilanc ta' prezz ta' materjal ta' Sigurta' mibjugh u istallat fuq ordni tal-konvenut, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekestru u tal-mandat ta' qbid prezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;
Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijeit tal-konvenut fejn gie eccepit :

Illi, preliminarjament, ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gjudizzju bl-ispejjez kontra is-socjeta' attrici stanti illi ic-citazzjoni saret kontra tieghu personalment filwaqt illi kwalunkwe xoghol li sar mill-istess socjeta' attrici sar ghas-socjeta' Rickard Company Limited li taghha huwa direttur, u dana fi Sliema Hotel The Strand tas-Sliema li hija proprjeta' tal-istess imsemmija Rickard Company Limited;

Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bibien ikkonsenjati u imqeghda fis-Sliema Hotel mis-socjeta' attrici mhumiex tan-natura u kwalita' pattwita stanti illi huma ferm inferjuri ghal bieb 'sample' illi kien gie fornit minnhom stess u ghadu fl-istess lukanda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Semghet lill-konvenut u lix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 2003 li bi gie nominat bhala perit tekniku l-Avukat Dottor Philip Galea bil-fakoltajiet soliti;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-5 ta' Marzu 2004;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2004 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici, fic-citazzjoni, tippremetti li l-konvenut hu debitur taghha fis-somma ta' Lm13,350 (tlettax il-elf, tlett mija u hamsin liri maltin) bilanc ta' somma akbar prezz ta' materjal ta' sigurta mibjugh u nstallat fuq l-ordni tal-konvenut. Dan il-materjal fornit jinkludi bibien "fire resistant" tal-kmamar f'lukanda Tas-Sliema. Ghalhekk l-istess socjeta attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat ihallas l-imsemmija somma;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li huwa personalment m’ghandu jghati xejn lis-socjeta attrici u kwalunkwe xoghol semmai sar fl-interess tas-socjeta’ Rickard Company Limited fis-Sliema Hotel f’The Strand tas-Sliema. Inoltre qed jeccepixxi li l-bibien ikkonsenjati mhumiex tan-natura u kwalita’ pattwita u huma ferm inferjuri ghal bieb ‘sample’ li gie installat fl-istess lukanda;

Kwantu ghal-ewwel eccezzjoni u cioe li m’hemmx relazzjoni guridika bejn is-socjeta attrici u l-konvenut personalment ghandu jinghad li din l-eccezzjoni ma tirrizultax sufficjentement pruvata u ghalhekk ghandha tigi michuda. In effett jirrizulta li l-ftehim relattiv gie iffirmat mis-socjeta attrici u mill-konvenut personalment. Il-konvenut jghid li huwa personalment qatt ma kellu negozju mas-socjeta' attrici. Huwa innegozja mas-socjeta attrici ghan-nom tas-socjeta' Rickard Company Limited li tiggestixxi s-Sliema Hotel. Huwa kkonferma li f’dan ir-rigward huwa kien ordna kwantita ta’ bibien ghal kmamar ta’ din il-lukanda. Il-konvenut jammetti li huwa qatt ma qal lis-socjeta attrici li huwa kien qed jinnegozja f’isem socjeta pero’ jghid ukoll li s-socjeta attrici setghet indunat. Jghid illi fil-letter heads tal-hotel hemm l-isem tas-socjeta' li tmexxi l-istess lukanda. Giet esibita tali leter-head. (fol.49) pero’ imkien ma hemm indikat xi isem ta’ xi socjeta kummercjali. Ghalhekk ma jirrizultax sufficjentement li l-konvenut kien qed jidher ghas-socjeta Rickard Company Limited. Lanqas ma jirrizulta li kienet din is-socjeta li ghamlet l-ordni in kwestjoni ta sebghin bieb ghas-Sliema Hotel. Minn deher ghas-socjeta attrici ikkonferma li n-negozjati saru mal-konvenut, li fl-ebda hin ma qal li huwa kien qed jirraprezenta xi kumpanija;

Il-konvenut jeccepixxi ukoll li l-bibien li gew ikkonsenjati mhumiex tan-natura u kwalita’ pattwita u huma ferm inferjuri ghal bieb ‘sample’ li gie installat fl-istess lukanda. Jirrizulta li s-socjeta attrici stallat bieb wiehed bhala “sample” u jirrizulta ukoll li l-bibien l-ohra kollha li gew konsenjati u mqieghda fil-post mhux tal-istess kwalita bhas-“sample”. Jirrizulta pero’ li l-ordni li saret kienet ghal kwalita ta’ bibien li effettivament gew konsenjati u dan jirrizulta mid-dokument a fol.31 li hi ittra mibghuta ghan-

nom tal-konvenut mill-Perit Edgar A. Rossignaud, li kien il-perit inkarikat mill-progett in kwestjoni. Jidher ukoll li l-prezz li s-socjeta attrici qed titlob ghal dawn il-bibien huwa l-prezz tal-bibien tal-kwalita li giet konsenjata u dana skond il-quotation tal-istess socjeta attrici. In effett il-Perit Edgar Rosignaud ikkonferma li l-ordni saret ghar-rigward tal-bibien tal-kwalita li gew effettivament konsenjati;

Inoltre jirrizulta li l-konvenut acetta l-bilanc li kien fadallu jhallas lis-socjeta attrici. Jirrizulta ukoll li huwa ikkonsenja cekkijiet ghar-rigward ta' dan il-bilanc, liema cekkijiet ma ssarfux mill-bank. Jirrizulta ukoll li l-konvenut qatt ma lmenta dwar il-kwalita tal-bibien qabel ma saru dawn il-proceduri;

Ghalhekk lanqas it-tieni eccezzjoni ma tista tigi akkolta;

In vista ta dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ghandhom jigu michuda. Filwaqt li t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlettax il-elf, tlett mija u hamsin liri maltin (Lm13350) bilanc ta' prezz ta' materjal ta' sigurta' mibjugh u istallat fuq ordni tal-konvenut u dana bl-imghaxijiet legali mid-data ta' kull fattura;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------